



Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni kkonstatat li deċiżjoni ta' arbitraġġ li tistabbilixxi tariffa tal-elettriku allegatament preferenzjali ma kinitx tinkludi l-għoti ta' vantaġġ lill-produttur tal-aluminju Mytilinaios

Il-Kummissjoni kienet marbuta teżamina, b'mod diliġenti, suffiċjenti u komplet, l-eventwali eżistenza ta' għajna mill-Istat billi twettaq evalwazzjonijiet ekonomiċi u tekniċi kumplessi

Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (iktar 'il quddiem "DEI"), produttriċi u fornitriċi tal-elettriku stabbilita f'Ateni (il-Greċja) u kkontrollata mill-Istat Grieg, u l-ikbar klijent tagħha, Mytilinaios AE - Omilos Epicheiriseon, preċedentement Alouminion tis Ellados VEAE, stabbilita f'Marousi (il-Greċja) (iktar 'il quddiem "Mytilinaios"), huma implikati f'tilwima twila dwar it-tariffa tal-provvista tal-elettriku intiża li tissostitwixxi t-tariffa preferenzjali li tibbenefika minnha Mytilinaios u li tirriżulta minn ftehim iffirmat fl-1960, iżda li skada fl-2006.

Fil-kuntest ta' ftehim ta' arbitraġġ iffirmat fis-16 ta' Novembru 2011, iż-żewġ partijiet ftiehem li jafdaw l-inkarigu tar-riżoluzzjoni tat-tilwima tagħhom lil Rythmistiki Archi Energeias (l-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija Ellenika, il-Greċja, iktar 'il quddiem ir-"RAE") li fi hdnha hemm stabbilit, skont il-liġi Ellenika, organu ta' arbitraġġ permanenti (iktar 'il quddiem it-"Tribunal ta' Arbitraġġ").

B'deċiżjoni tal-31 ta' Ottubru 2013 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' arbitraġġ"), it-Tribunal ta' Arbitraġġ stabbilixxa t-tariffa tal-enerġija applikabbli għal Mytilinaios (iktar 'il quddiem it-"tariffa inkwistjoni"). Ir-rikors ippreżentat minn DEI kontra din id-deċiżjoni ta' arbitraġġ ġie miċħud mill-Efeteio Athinon (il-Qorti tal-Appell ta' Ateni, il-Greċja).

F'dan il-kuntest, DEI ppreżentat żewġ ilmenti quddiem il-Kummissjoni, fejn sostniet, qabelxejn, li r-RAE, u sussegwentement it-Tribunal ta' Arbitraġġ, kienu taw għajna mill-Istat illegali lil Mytilinaios, sa fejn it-tariffa inkwistjoni kienet tobbligaha tforni lil din tal-aħħar elettriku bi prezz inferjuri għall-ispejjeż tagħha u għalhekk għall-prezz tas-suq. B'ittra tat-12 ta' Ġunju 2014, iffirmata minn kap ta' diviżjoni tad-Direttorat Ġenerali (DG) tal-Kompetizzjoni (iktar 'il quddiem l-"ittra kontenzjuża"), il-Kummissjoni informat lil DEI li ma kinitx ser tittieħed azzjoni dwar l-ilmenti tagħha. Skont il-Kummissjoni, it-tariffa inkwistjoni ma kinitx tikkostitwixxi għajna mill-Istat, peress li l-kriterji ta' imputabbiltà u ta' vantaġġ ma kinux issodisfatti, b'mod li ma kienx hemm lok li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali msemmija fl-Artikolu 108(2) TFUE.

Wara din l-ittra, DEI ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, irreġistrat bin-numru T-639/14, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni li ma tittiħidx azzjoni, inkluża fiha.

Matul din il-proċedura, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2015¹ (iktar 'il quddiem l-"ewwel deċiżjoni kkontestata"), irtirat u ssostitwixxiet l-ittra kontenzjuża. F'din id-deċiżjoni, hija qieset li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma kinitx timplika l-għoti ta' għajna mill-Istat favur Mytilinaios, essenzjalment għaliex is-sottomissjoni volontarja minn DEI tat-tilwima tagħhom għall-arbitraġġ kienet tikkorrispondi għall-aġir ta' investitur avżat f'ekonomija tas-suq u, għaldaqstant, ma kinitx tinvolvi vantaġġ.

¹ Deċiżjoni C(2015) 1942 final, tal-25 ta' Marzu 2015 [Każ SA.38101 (2015/NN) (ex 2013/CP) – Greċja – Allegata għajna mill-Istat favur Alouminion SA fil-forma ta' tariffi tal-elettriku inferjuri għall-ispejjeż skont deċiżjoni ta' arbitraġġ].

DEI sussegwentement ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, irreġistrat bin-numru T-352/15, intiż għall-annullament tal-ewwel deċiżjoni kkontestata.

B'digriet tad-9 ta' Frar 2016, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors fil-Kawża T-639/14. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja² madankollu annullat dan id-digriet u baġtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali fejn ġiet irreġistrata bin-numru T-639/14 RENV.

Fl-14 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni adottat it-tieni deċiżjoni (iktar 'il quddiem it-“tieni deċiżjoni kkontestata”)³, li ħassret u ssostitwixxiet kemm l-ittra kontenzjuża kif ukoll l-ewwel deċiżjoni kkontestata. Billi tibbaża ruħha fuq raġunijiet identiċi għal dawk esposti fl-ewwel deċiżjoni kkontestata, din it-tieni deċiżjoni tikkonferma li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma tinvolvi l-għoti ta' għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

DEI ppreżentat mill-ġdid rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-annullament ta' din it-tieni deċiżjoni, irreġistrat bin-numru T-740/17.

Wara li għaqdet it-tliet kawżi pendenti, it-Tielet Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali laqgħet it-tliet rikorsi ppreżentati minn DEI u annullat kemm l-ittra kontenzjuża kif ukoll l-ewwel u t-tieni deċiżjoni kkontestata (iktar 'il quddiem, konġuntament, l-“atti kkontestati”). Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tagħti kjarifiki dwar il-klassifikazzjoni ta' lanjant bħala “parti interessata” li għandha *locus standi* kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet, skont id-dritt tal-għajjnuna mill-Istat, kontra miżura statali. Fuq il-mertu, is-sentenza tispeċifika, barra minn hekk, il-portata tal-obbligu tal-Kummissjoni li tivverifika jekk tribunal ta' arbitraġġ li jkollu prerogattivi komparabbli ma' dawk ta' qorti statali ordinarja jkunx ta vantaġġ fis-sens tad-dritt tal-għajjnuna mill-Istat, meta jiffissa tariffa tal-provvista tal-elettriku li ma tikkorrispondix, skont il-każ, għall-prezz tas-suq.

II-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors fil-Kawża T-740/17, eżaminat fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tirrileva li t-tieni deċiżjoni kkontestata tipproduċi effetti legalment vinkolanti fir-rigward ta' DEI. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni li tikkonstata l-ineżistenza ta' għajjnuna, li permezz tagħha l-Kummissjoni tagħlaq il-fażi preliminari ta' investigazzjoni, tinvolvi effetti legali vinkolanti wkoll fir-rigward ta' parti interessata. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali żżid li DEI, sa fejn sostniet li t-tariffa inkwistjoni kienet tikkostitwixxi għajjnuna pprojbita mill-Artikolu 107(1) TFUE li kienet taffettwa l-interessi ekonomiċi tagħha, għandha l-istatus ta' “parti interessata” fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 1 (h) tar-Regolament li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE⁴, li hija prekluzja, mill-atti kkontestati li ma tittiħidx azzjoni dwar l-ilmenti tagħha, milli tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha waqt proċedura ta' investigazzjoni formali.

Għalhekk, sa fejn ir-rikors ta' DEI huwa intiż li tinkiseb is-salvagwardja tal-garanziji proċedurali li, bħala parti interessata, hija tgawdi minnhom fil-każ tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, dan huwa ammissibbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li l-motivi ta' annullament invokati minn DEI huma intiżi, fil-fatt, li tiġi invokata l-eżistenza ta' dubji⁵ jew ta' diffikultajiet serji li kellhom iwasslu lill-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

Fir-rigward tal-kwistjoni sostantiva dwar jekk il-Kummissjoni kellhiex tiltaqa' ma' dubji jew ma' diffikultajiet serji fl-evalwazzjoni tagħha tal-ilmenti mressqa minn DEI, il-Qorti Ġenerali tiċċad l-argument tal-Kummissjoni li investitur privat avżat li jinsab fis-sitwazzjoni ta' DEI kien jagħżel l-

² Sentenza tal-31 ta' Mejju 2017, DEI vs Il-Kummissjoni (C-228/16 P).

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 5622 final, tal-14 ta' Awwissu 2017 [Każ SA.38101 (2015/NN) (ex 2013/CP) – Greċja – Allegata għajjnuna mill-Istat favur Alouminion SA fil-forma ta' tariffi tal-elettriku inferjuri għall-ispejjeż skont deċiżjoni ta' arbitraġġ].

⁴ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015 L 248, p. 9).

⁵ Fis-sens tal-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE.

arbitraġġ u kien jaċċetta l-iffissar tat-tariffa applikabbli minn tribunal ta' arbitraġġ kompost minn esperti li s-setgħa diskrezzjonali tagħhom kienet limitata minn parametri komparabbli għal dawk li jinsabu fil-ftehim ta' arbitraġġ, b'tali mod li l-iffissar tat-tariffa inkwistjoni mit-Tribunal tal-Arbitraġġ ma setax ikollu bħala effett l-għoti ta' vantaġġ lil Mytilinaios.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li t-Tribunal ta' Arbitraġġ, li jiddeċiedi skont proċedura ta' arbitraġġ prevista mil-liġi u li jiffissa tariffa tal-elettriku permezz ta' deċiżjoni legalment vinkolanti, għandu jiġi kklassifikat bħala organu li jeżerċita setgħa li taqa' taħt il-prerogattivi tal-poter pubbliku, fid-dawl tan-natura tiegħu, tal-kuntest li fih taqa' l-attività tiegħu, tal-għan tiegħu, kif ukoll tar-regoli li huwa suġġett għalihom, li jgħidu li d-deċiżjonijiet tiegħu jistgħu jiġu appellati quddiem il-qrati statali, għandhom l-awtorità ta' *res judicata* u jimplikaw titolu eżekuttiv. Għaldaqstant, it-Tribunal ta' Arbitraġġ jista' jiġi assimilat ma' qorti statali ordinarja.

Dan premess, fid-dawl tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati nazzjonali u l-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat, il-qrati nazzjonali stess jistgħu jiksru l-obbligi imposti fuqhom mill-Artikolu 107(1) TFUE u mill-Artikolu 108(3) TFUE u, b'hekk, jirrendu possibbli jew jipperpetwaw l-għoti ta' għajjnuna illegali, jew isiru l-istrument għal dan il-għan, li jaqa' taħt il-kompetenza tal-kontroll tal-Kummissjoni.

Għalhekk, sabiex tkun tista' tneħħi kull dubju jew diffikultà serja fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk it-tariffa inkwistjoni, stabbilita bid-deċiżjoni ta' arbitraġġ, kinitx tinvolvi vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni kienet obligata ttwettaq kontroll fuq il-kwistjoni dwar jekk miżura statali mhux ikkomunikata, bħal din it-tariffa, iżda kkontestata minn lanjant, kinitx tissodisfa l-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, inkluż il-kriterju ta' vantaġġ. Dan il-kontroll jeżiġi evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, relatati, b'mod partikolari, mal-konformità tal-imsemmija tariffa mal-kundizzjonijiet normali tas-suq.

Madankollu, billi l-limitat l-analiżi tagħha għall-kwistjoni dwar jekk operatur privat kienx jissuġġetta ruħu għall-arbitraġġ aċċettat minn DEI, il-Kummissjoni ddelegat dawn l-evalwazzjonijiet kumplessi lill-istanzi Elleniċi filwaqt li eskudiet id-dmir ta' kontroll tagħha stess. Barra minn hekk, fid-dawl tal-informazzjoni sottomessa minn DEI matul il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni kellha ttwettaq l-analiżi tagħha stess tal-kwistjoni dwar jekk il-metodu ta' determinazzjoni tal-ispejjeż ta' DEI, kif applikat mit-Tribunal ta' Arbitraġġ, kienx kemm xieraq kif ukoll suffiċjentement plawżibbli sabiex jiġi stabbilit li t-tariffa inkwistjoni kienet konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq.

Peress li l-Kummissjoni ma ssodisfatx, fit-tieni deċiżjoni kkontestata, ir-reqwiżiti ta' kontroll li kellha, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li hija kellha ssib diffikultajiet serji jew kellu jkollha dubji li jeħtieġu l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tilqa' r-rikors fil-Kawża T-740/17 u tannulla t-tieni deċiżjoni kkontestata.

Peress li t-tieni deċiżjoni kkontestata hija għalhekk iddikjarata nulla u bla effett, din ma tista' tħassar u tissostitwixxi la l-ewwel deċiżjoni kkontestata u lanqas l-ittra kontenzjuża. Għaldaqstant, ir-rikors intiż għall-annullament tal-ewwel deċiżjoni kkontestata jżomm is-suġġett tiegħu.

Fid-dawl tal-kontenut kważi identiku tal-ewwel u tat-tieni deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali, għall-istess motivi, tilqa' r-rikors fil-Kawża T-352/15 u tannulla l-ewwel deċiżjoni kkontestata. Sa fejn din ma għadhiex ta' natura li tħassar u tissostitwixxi l-ittra kontenzjuża, il-Kawża T-639/14 RENV iżżomm ukoll is-suġġett tagħha.

Wara li ddikjarat li r-rikors f'din l-aħħar kawża huwa ammissibbli, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-ittra kontenzjuża, li tikkostitwixxi teħid ta' pożizzjoni definittiva tad-dipartimenti tal-Kummissjoni dwar l-ilmenti ta' DEI li ma tittiħidx azzjoni dwarhom, hija vvizzjata bi żball proċedurali sa fejn din kellha tiġi adottata mill-Kummissjoni bħala organu kolleġjali u mhux minn kap ta' diviżjoni tad-DĠ Kompetizzjoni, raġuni li għaliha l-Kummissjoni stess kienet ħassret u ssostitwixxiet din l-ittra. Il-Qorti Ġenerali tikkonferma, barra minn hekk, li l-Kummissjoni kellha tiltaqa' ma' diffikultajiet serji jew ma' dubji dwar l-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat jew, minn tal-inqas, li ma kellhiex dritt tiċħad tali dubji minħabba li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma kinitx imputabbli lill-Istat Grieg. Fil-fatt, filwaqt li tfakkar li, min-natura tagħha u mill-effetti legali tagħha, id-deċiżjoni ta' arbitraġġ hija komparabbli

ma' sentenzi ta' qorti ordinarja Ellenika, b'tali mod li hija għandha tiġi kklassifikata bħala att ta' poter pubbliku, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li DEI wriet b'mod suffiċjenti fid-dritt din l-imputabbiltà.

Għaldaqstant, peress li laqgħet it-tielet rikors, il-Qorti Ġenerali tannulla wkoll l-ittra kontenzjuża.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355